TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 595/09

**Joseph Caruana**

**vs**

**Halmann Vella Ltd.**

Illum 4 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-17 ta' Diċembru, 2009 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elfejn, mitejn u tmienja u tmenin ewro (€2,288), rappreżentanti prezz ta' granit u li dan il-granit spiċċa mtebba'.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa xtara l-granit għal prezz ta' elfejn, mitejn u tmienja u tmenin ewro (€2,288), mingħand id-ditta intimata u dan il-granit huwa mtebba', kif ukoll dan l-istess granit twaħħal mis-soċjeta' intimata.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet li l-granit huwa ta' materjal naturali u li huwa poruż u li ġara hu li l-materjal tal-granit assorba l-umdita' mill-atmosfera.

Minħabba n-natura teknika tal-materja, t-Tribunal qabbad espert tekniku lis-Sur Vincent Ciliberti, fejn ikkonkluda fir-rapport tiegħu skond is-segwenti;

Illi skond ir-rapport tekniku, t-tbajja qed isiru minħabba riżultat ta' tixrib taħt il-livell tal-granit u li allura dan qiegħed jikkawża dawn il-ħsarat.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet u wara li ra r-rapport tal-espert tekniku, qiegħed jaqbel impjenament mar-rapport.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' elfejn ewro (€2,000), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata, inkluż l-ispejjeż tar-rapport tal-espert tekniku.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**